**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 27 ta' Jannar 2023

**Il-Pulizija**
(Spettur Christian Cauchi)

**vs**

**Jaba Nadiradze**
(Detentur tal-passport
Ġorġjan bin-numru 18AC93804)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Jaba Nadiradze** ta' 33 sena bin Thomas u Mzia Nadiradze mwieled nhar il-11 ta' Novembru 1989 ġewwa Akhaltsikh, l-Giorgia u detentur tal-passaport Ġorġjan bin-numru 18AC93804 mingħajr indirizz fiss, u akkużat talli nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2023 għall-ħabta tal-10:00hrs ġewwa s-'Supermarket' bl-isem ta' 'Welbee's', sitwat ġewwa Triq il-Kbira, il-Mellieħa:

1. Ikkommettejt serq sempliċi ta' diversi affarijiet tal-ikel u xorb u/jew oggetti ohra b'valur ta' madwar 30 euro għad-dannu ta' Glen Mintoff u dan bi ksur tal-artiklu 284 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2023 u fil-jum ta' qabel dan f'diversi ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin, irrifjutajt li tagħti, jew tajt falz, lill-ispettur Christian Cauchi, PS 1364 Carl Vella u lil PC 709 Michael Caruana jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu i-dmirijiet tagħhom, ismek, kunjomok, fejn toqgħod u partikularitajiet oħra u dan bi ksur tal-artiklu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli nhar l-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2023 u fil-jum ta' qabel dan f'diversi ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin m'obdejtx l-ordnijiet leġittimi tal-ispettur Christian Cauchi, PS 1364 Carl Vella u PC 709 Michael Caruana, jew ma ħallejtx jew fixkilthom waqt li kienu qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indħalt fi dmirijithom, billi ma ħallejtx lill-ispettur Christian Cauchi, PS 1364 Carl Vella u lil PC 709 Michael Caruana jagħmlu dak li b'liġi jkunu ordnati jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġibt fix-xejn jew ħassart dak li l-ispettur Christian Cauchi, PS 1364 Carl Vella u PC 709 Michael Caruana ikunu għamlu skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun u dan bi ksur tal-artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi skond ma rriżulta, l-akkużat wettaq dawn ir-reat ta' serq minn supermarket u dan billi tefa' numru ta' oġġetti fil-*backpack* li kellu. Ma dawn, hu kellu xi oġġetti oħra f'idejħ. L-uffiċjali tas-sigurtà tal-istabbiliment indunaw bl-aġir tiegħu u waqt li kien qiegħed fil-*cash* biex iħallas għall-oġġetti li kellu f'idejħ, l-uffiċjali tas-sigurtà waqqfuħ u għamlu tfittxija fil-*backpack* fejn sabu l-oġġetti misruqa. Irriżulta li dawn kienu oġġetti ta' ikel u ftit ħwejjeġ intimi li b'kollox jammontaw għal ftit inqas minn €30. Illi l-akkużat, minkejja li ammetta mal-ewwel it-twettiq tas-serq, hu rrifjuta li jagħti d-dettalji tiegħu waqt li kien qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija minkejja li ġie mistoqsi diversi drabi.

Il-Qorti semgħet  illi hu wettaq dawn ir-reati għax kellu l-ġuħ. Semgħet li ma riedx jagħti d-dettalji tiegħu lill-pulizija għax beża' li seta jkun hemm xi riperkussjonijiet serji fuq il-qraba jew fuq il-ħbieb tiegħu f'Malta.  Hu skuża ruħu mal-Qorti u anke mal-pulizija talli ma obdiex l-ordnijiet tagħhom.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejħ mal-liġi u ilu jirrisjedi f'Malta għal numru ta' snin. Tqis li l-valur tal-oġġetti misruqa huwa wieħed minimu. Tqis ukoll, madanakollu illi s-serq jibqa' dejjem reat, irrispettivament mir-raġunijiet għalfejn wieħed jisraq u li huwa d-dmir ta' kull persuna tagħti d-dettalji tagħha lill-forzi tal-ordni meta mitluba. Il-Qorti tfakkar li l-uffiċjali tal-pulizija qegħdin hemm biex jagħtu ordnijiet għal-ġid u dawn l-ordnijiet għandhom jiġu obduti minn min jirċevihom, inkella niddeġeneraw fil-liġi tal-ġungla.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 284, 338(g) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġiijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Jaba Nadiradze <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara

li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**